# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR

**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**

**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tad-9 ta' Ottubru 2024**

**Talba nru. 54/2024 IS**

**JOSEPH GIORDIMAINA (I.D. 291954 (M))**

***VERSUS***

**CHRISTOPHER BORG (I.D. 248873 (M))**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fid-29 ta' Frar 2024 (a fol. 2), l-attur talab l-ammont ta' ħamest elef Ewro (Eur 5,000.00) rappreżentanti self illi sar bejn il-partijiet kif ukoll l-imgħaxijiet legali u l-ispejjeż kollha.

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal tat-8 ta' Marzu 2024 fejn l-attur ġie awtorizzat jipproċedi bin-notifika tal-konvenut (a fol. 3 u 4).

Ra illi l-konvenut ġie debitament notifikat fit-18 ta' Marzu 2024 (a fol. 6).

Ra illi l-konvenut ma ppreżenta ebda risposta u/jew kontro-talba u anqas deher għas-seduta wara li ġie innotifikat b'dan illi waqa' fi stat ta' kontumaċja.

Ra illi l-attur ippreżenta il-kapitolu fil-konfront tal-konvenut (a fol. 11).

Ra illi saret seduta oħra fil-5 ta' Ġunju 2024 għas-subizzjoni tal-konvenut b'dan illi naqas għal darb'oħra milli jidher għas-seduta (a fol. 12).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

Dan it-Tribunal innota illi l-konvenut kien innotifikat iżda l-konveut ma ressaq ebda risposta u/jew kontro-talba f'dan il-każ u anqas deher għas-seduta wara li ġie innotifikat b'dan illi waqa' fi stat ta' kontumaċja. Biss pero', wara li dan it-Tribunal ser jikkonsidra tali kontumaċja, irid iħares lejn il-provi sabiex jiddetermina tali każ.

Il-Kontumaċja tal-Konvenut

Hekk kif għadu ġie rrimarkat hawn fuq, jidher mill-proċess illi l-konvenut ma ressaq ebda risposta u/jew kontro-talba u anqas deher għas-seduta wara li ġie innotifikat b'dan illi waqa' fi stat ta' kontumaċja.

It-Tribunal josserva illi l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti l-konvenut iżda kontestazzjoni ta' l-istess. Għalkemm il-konvenut baqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta id-domandi. F'każ ta' kontumaċja jibqa' l-oneru fuq l-attur li jressaq provi sal-grad ta' probabbilità u li jressaq l-aħjar prova. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). L-istess intqal fis-sentenza ***Blye Engineering Co. Ltd vs. Philip Borg Bellanti et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit- 22 ta' Ġunju 2005:

> "*huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut*. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35"

Inoltre´, fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq vs. Brian Mizzi et noe***, deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Marzu 1996 ingħad:

> "*Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta ttalba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku*

> *kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta' Jannar 1991:*
>
> *"Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika. Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;""*

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem l-Onorabbli Qorti jew Tribunal (ara **Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

<u>L-Azzjoni tal-Attur</u>

Ġjaladarba jidher illi kien hemm ftehim bejn il-partijiet, għandu japplika l-Kodiċi Ċivili sabiex jirregola r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet. Fil-fatt, Artikolu 960 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi *"Il-kuntratt huwa konvenzjoni jew ftehim bejn tnejn min-nies jew iżjed, illi bih tiġi magħmula, regolata, jew maħlula obbligazzjoni."*

It-tieni punt li dan it-Tribunal ser iqis huwa l-fatt illi tali ftehim bejn il-partijiet seta' sar verbalment, u dan *stante* illi ma hemm ebda liġi li tipprovdi illi tali ftehim bejn il-partijiet kellu jkun bil-kitba. B'dan illi għal finijiet kollha tal-Liġi, dan il-ftehim bejn il-partijiet huwa validu. Tali punt qed isir fid-dawl illi l-attur xehed fid-29 ta' Mejju 2024 illi tali ftehim kien sar verbalment bejn il-partijiet, fejn huwa xehed illi tali ftehim sar *"face to face…weħidna"* (a fol. 10). B"dan illi allura l-attur ma setax jipprovdi provi oltre ħlief li jixhed hu fiċ-ċirkostanzi fejn għaldaqstant, fuq bażi ta' probabilita', dan it-Tribunal iqis illi l-attur ipprova b'mod sodisfaċenti sal-grad li trid il-Liġi illi verament sar tali ftehim bejn il-partijiet.

It-tielet punt illi dan it-Tribunal qed jirrileva huwa l-fatt illi l-attur ippremetta fl-avviż tat-talba li hu silef ammont ta' flus lill-konvenut. Fuq dan il-punt, dan it-Tribunal jirrileva illi tali self finanzjarju ma hux regolat mill-Att Dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, Kap. 376 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan għaliex Artikolu 3 tal-imsemmi Att jipprovdi illi *"L-ebda attività elenkata fl-Ewwel Skeda ta' dan l-Att, minbarra servizzi ta' informazzjoni dwar kontijiet, m'għandha tiġi tranżatta regolarment jew abitwalment, fi jew minn Malta, ħlief minn kumpannija li jkollha liċenzja mogħtija taħt dan l-Att mill-awtorità kompetenti"* fejn jidher illi tali self bejn il-partjijiet parti minn din il-kawża kien ta' darba waħda biss, b'dan illi żgur ma jiklassifikax bħala regolarment jew abitwalment.

Ir-raba' punt illi jrid ikun deċiż huwa dwar l-ammont dovut mill-konvenut lill-attur, u dan ġjaladarba tali Tribunal ikkonkluda illi kien hemm ftehim validu bejn il-partijiet. L-attur ippremetta fl-avviż tat-talba illi huwa silef l-ammont ta' ħamest elef Ewro (Eur 5,000) lill-konvenut b'dan illi pero' fix-xhieda tiegħu datata 29 ta' Mejju 2024, l-attur xehed illi "*Jien erbat elef u ħames mija (4,500) tajtu. Qalli intik ħamsa (5) qalli...Talli ha naghtih erbat' elef u hames mija (4500) – ta' dawk l-erbat elef u hames mija (4500) ha naghtik hamest elef (5000)*" (a fol. 9 u 10). Jidher ukoll illi l-attur ippreżenta tali talba fil-konfront tal-konvenut 29 ta' Frar 2024 filwaqt illi skond ix-xhieda tiegħu tali ftehim sar f'Awwissu tas-sena 2023 b'dan illi dan it-Tribunal jirrileva illi l-attur ma jistax jippretendi imgħax li jaqbeż it-tmienja fil-mija (8%) fis-sena u dan *stante* illi huwa pprojbit mill-Artikolu 986 (2) tal-Kodiċi Ċivili b'dan illi pero' il-Qorti diversement presjeduta dejjem tenniet illi meta l-imgħax jaqbeż tali persentaġġ, tali imgħax għandu jitnaqqas sabiex jirrifletti tali persentaġġ ta' imgħax illi tipprovdi l-Liġi b'dan ukoll illi l-ftehim bejn il-partijiet ma jkunx dikjarat null fiċ-ċirkostanzi. Fil-fatt, waħda minn dawn is-sentenzi hija ***CHARLIE AUTO DEALER LIMITED VS KEVIN PACE***[1] fejn il-Qorti ikkonkludiet illi "*Obbligazzjoni li tipprospetta ħlas ta' imgħax b'użura ma hijiex obbligazzjoni msejjsa fuq kawża illeċita, għax l-obbligazzjoni ta' self, bħala causa, hija indipendenti mill_obbligazzjoni tal-ħlas tal-imgħax. F'dan il-każ, l-obbligazzjoni infisha għandha causa ġusta – self biex tinxtara proprjeta` – u l-obbligazzjoni marbuta mal-imgħax hija nulla biss għal dak li hu żejjed 'l fuq mir-rata ta' 8% fis-sena. L-iskritturi in kwistjoni ma jistgħux, għalhekk, jitqiesu bla ebda effett fil-liġi.*" B'dan illi pero' filwaqt illi t-Tribunal mid-dati tal-avviż tat-talba u skond l-attur meta sar is-self seta' jiddetermina illi tali imgħax jidher illi l-imgħax kien ser ikun ogħla minn dak li tipprovdi l-Liġi, dan it-Tribunal ma setax jiddetermina meta l-konvenut kien obbligat iħallas tali somma lura lill-attur u ċioe' jekk hux f'xahar jew fi kwalunkwe terminu li l-partijiet ftehmu bejniethom b'dan illi għaldaqstant, dan it-Tribunal qed jilqa' biss l-ammont ta' erbat elef u ħames mitt Ewro (Eur 4,500) bħala dak dovut mill-konvenut lill-attur.

Fir-rigward ta' dan l-ammont dovut mill-konvenuti lill-attur, l-attur qiegħed jitlob l-imgħax. F'dan ir-rigward, it-Tribunal jagħmel referenza għall-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ, jidher illi tali obbligazzjoni ma hix ta' natura kummerċjali skond il-Liġi Maltija b'dan illi għaldaqstant, għandu japplika is-sub-artikolu 2 tal-Artikolu 1141 hawn imsemmi, u liema artikolu jipprovdi illi "*F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.*" S.L. 12.12 jagħti definizzjoni ta´ att ġudizzjarju fejn tipprovdi illi ""*att ġudizzjarju" tfisser kull att jew skrittura preżentata fir-reġistru, jew li toħroġ minn, xi Qorti, Tribunal jew Bord f'Malta, u kull att jew skrittura preżentata, jew li toħroġ minn, xi Qorti, Tribunal jew Bord barra minn Malta, li tista', bis-saħħa ta' xi liġi jew trattat, tiġi notifikata lil xi persuna f'Malta, iżda ma tinkludix il-mandati u l-ordnijiet imsemmija fit-Titolu VII tat-Tieni Ktieb ufit-Titolu VI tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi.*" Għal

[1] 18 ta' April 2017, Qorti tal-Maġistrati (Malta), Ref.: 168/2016

kull buon fini, dan it-Tribunal jiċċara illi filwaqt illi huwa minnu illi liġi sussidjarja trid tkun interpretata fl-ambitu tal-Att ewlieni illi taħtu tkun saret il-liġi sussidjarja, kemm il-Kap. 12 kif ukoll l-Kap. 16 jirregolaw iċ-ċivil, fejn il-Kap. 12 jitkellem fuq il-proċedura u l-Kap. 16 jitkellem fuq is-sustanza, b´dan illi t-tnejn li huma wkoll jitkellmu fuq l-istess prinċipju; l-att ġudizzjarju b´dan illi l-liġi sussidjarja 12.12 tista´ tkun applikata f´termini ta´ definizzjonijiet għall-Kodiċi Ċivili. F'dan il-każ, l-attur ippreżenta it-talba tiegħu fid-29 ta' Frar 2024 u liema huwa att ġudizzjarju b'dan illi pero' illi l-konvenut ġie hekk debitament notifikat fit-18 ta' Marzu 2024 b'dan illi tali imgħax għandu jibda jiddekorri mid-data tat-18 ta' Marzu 2024 sad-data tal-ħlas effettiv.[2] Fir-rigward tal-persentaġġ, l-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena hu dak l-ammont ipprovdut fil-Kodiċi Ċivili illi għandu japplika, sakemm il-partijiet ma jiftiehmux fuq ammonti inqas jew sakemm ma tkunx applikabbli il-leġiżlazzjoni sussidjarja 16.06, u liema żewġ eċċezzjonijiet ma japplikawx f'dan il-każ.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jilqa´ t-talba tal-attur għall-ammont ta´ erbat elef u ħames mitt Ewro (Eur 4,500.00) rappreżentanti ftehim ta' self bejn l-attur u l-konvenut kif ukoll l-imgħax legali ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena li jibda jiddekorri mit-18 ta' Marzu 2024 sad-data tal-effettiv pagament u jikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attur dan l-ammont imsemmi hawnhekk.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tal-konvenut.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur

---

[2] Vide ***MICHAEL DEBONO LIMITED VS. CARMELO CATANIA*** (13 ta' Jannar 2023, Prim'Awla Qorti Ċivili, Ref.: 725/2022) fejn il-Qorti qieset minn meta jibda jiddekorri l-imgħax